

Brussell, 12 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15587/17

COVEME 9

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15183/17 COVEME 8	
Nru dok. Cion:	14408/17 + ADD 1, 14412/17 + ADD 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-12 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

1. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill jilqa' r-rapporti mill-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-Bulgarija u r-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika. F'dan il-kuntest, il-Kunsill japprezza l-kooperazzjoni tajba u kontinwa tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri l-oħra taħt il-Mekkaniżmu. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għall-ħidma tagħha, għall-metodoloġija li ntużat u jikkondividi b'mod sħiħ l-analiżi oġġettiva u bbilanċjata tal-progress li sar fis-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet.
2. Il-Kunsill itenni l-aderenza tiegħu mal-valuri u l-prinċipji tal-UE, inkluż l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li l-progress li sar ikun irriversibbli sabiex jiġu sodisfatti l-parametri referenzjarji rispettivi b'mod sodisfaċenti u biex jiġu sodisfatti l-oġġettivi aħħarin tal-Mekkaniżmu, biex b'hekk jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-opportunitajiet offruti mis-sħubija fl-Unjoni. Rekords konvinċenti u l-ħtieġa ta' appoġġ politiku ġenerali, sostnut u inekwivoku għal riformi u għal implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin jibqgħu tal-akbar importanza.
3. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lill-Bulgarija u r-Rumanija biex jissodisfaw ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin stabbiliti fir-rapporti tal-Kummissjoni, li t-twettiq tagħhom iwassal għall-għeluq proviżorju tal-parametri referenzjarji individwali, ħlief jekk żviluppi fil-pajjiżi b'mod ċar iqajmu dubju dwar il-perkors tal-progress jew iregġgħuh lura. Waqt li jfakkar li l-ħeffa tal-proċess ser jiddependi biss fuq il-progress magħmul mill-Bulgarija u r-Rumanija, il-Kunsill jinnota li, dment li l-punti kollha ta' riferiment jintlaħqu b'mod sostenibbli u irriversibbli fil-futur qarib, il-Mekkaniżmu jista' jiġi sussegwentement konkluż.

4. Il-Kunsill jilqa' l-passi pożittivi meħuda mill-awtoritajiet Bulgari matul il-perijodu ta' rapportar, u d-determinazzjoni murija mill-gvern biex il-proċess tar-riforma jerġa' jaqbad it-triq it-tajba. Għad fadal ħafna xi jsir, u issa jeħtieġ li l-progress ġenerali jiġi aċċellerat aktar b'mod urġenti. Waqt li tibbaża fuq il-progress reċenti, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bulgarija biex iżżomm il-momentum attwali u biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha stabbiliti mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja li ambjent ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni mill-qrib u kostruttiva bejn l-istituzzjonijiet, kif ukoll il-proċessi leġislattivi inklużivi li jibbażaw ruħhom fuq il-prinċipji tar-regolamentazzjoni aħjar, huma kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' riformi kredibbli u irriversibbli.
5. Il-Kunsill jilqa' l-elezzjoni reċenti tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) l-ġdid, u jistenna b'interess dimostrarazzjonijiet tal-indipendenza u l-integrità tiegħu permezz tal-istabbiliment ta' rekord ta' teħid ta' deċiżjonijiet imparzjali u professjonali fl-oqsma ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħatriet trasparenti u bbażati fuq il-mertu għal karigi ġudizzjarji ta' livell għoli. L-iżbilanċi fil-volum tax-xogħol bejn il-qrati jibqgħu sfida ewlenija u jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll mill-KSM. Il-Kunsill jissottolinja li r-riforma kontinwa tal-ġudikatura biex jitjiebu l-professjonaliżmu, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kummissjoni ta' Venezja, tibqa' tal-akbar importanza. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota li, fost l-oħrajn, proposti għal bidliet kbar fil-liġijiet kriminali għandhom jitwettqu b'mod trasparenti, wara dibattitu pubbliku u konsultazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dawn il-passi huma kruċjali biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-irreversibbiltà tar-riformi.
6. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, partikolarment fl-livell għoli u sostanzjata b'rekord konkret, tibqa' prijorità ewlenija għall-Bulgarija. Il-Kunsill jistenna b'interess l-adozzjoni ta' qafas legali ġdid għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż l-istabbiliment ta' awtorità effettiva kontra l-korruzzjoni, mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill jinnota li, sabiex tkun tista' tikseb il-fiduċja fuq bażi mifruxa tas-soċjetà iġġenerali u fost l-uffiċjali pubbliċi, il-ħatra tat-tmexxija tal-awtorità il-ġdida kontra l-korruzzjoni jeħtieġ li jsir b'mod miftuħ u trasparenti. Dawk maħtura jkollhom juru l-indipendenza, l-integrità u l-professjonalità meħtieġa sabiex igawdu l-fiduċja tal-pubbliku u jagħtu riżultati effettivi. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-adozzjoni reċenti ta' għadd ta' emendi fil-liġi dwar l-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari bil-għan li jissaħħaħ ir-rwol tal-ispettorati interni, u jappella għal implimentazzjoni rapida f'termini organizzattivi konkreti.

7. Il-Bulgarija għad trid tistabbilixxi r-rekord ta' deċiżjonijiet finali tal-qorti dwar kundanni u l-infurzar tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Jeħtieġ li l-Bulgarija tistabbilixxi wkoll mekkaniżmu effettiv għar-rapportar pubbliku dwar il-progress (investigazzjonijiet, akkużi, kundanni u infurzar) f'każijiet ta' livell għoli li diġà jinsabu fid-dominju pubbliku. Jenħtieġu miżuri ulterjuri biex jissaħħu l-prevenzjoni u t-trattament tal-korruzzjoni fil-livell lokali, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, jenħtieġ li l-Bulgarija tassigura li t-tibdil organizzazzjonali u leġislattiv reċenti, b'mod partikolari t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni fuq każijiet ta' korruzzjoni li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli quddiem il-Qorti Speċjalizzata għall-Kriminalità Organizzata, isaħħa u jikkonsolida r-rekord koerenti li nkiseb. Il-Kunsill jissottolinja li t-tibdil futur għall-qafas legali għandu jikkonsolida l-progress li diġà sar f'dan il-qasam u l-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet biex titkompla t-tendenza pożittiva attwali.
8. Il-Kunsill jilqa' li r-Rumanija ħadet għadd ta' passi pożittivi matul il-perijodu ta' rapportar, bħad-dħul fis-seħħ tas-sistema PREVENT u l-fatt li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Konfiskati (ANABI) issa hija kompletament funzjonali. Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura l-ġdid ukoll qiegħed jaqdi r-rwol tiegħu li jiddefendi l-indipendenza u r-reputazzjoni tal-maġistrati. Madankollu, ir-rapport tal-Kummissjoni jenfasizza wkoll għadd ta' punti ta' tħassib dwar l-irreversibbiltà u s-sostenibbiltà tar-riformi. Jeħtieġ li dan it-tħassib jiġi indirizzat b'mod deċiżiv b'mod kredibbli u li jqanqal fiduċja, sabiex titwitta t-triq għal konklużjoni b'suċċess tal-Mekkaniżmu fil-futur qrib.
9. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lir-Rumanija biex iġġedded il-momentum fir-rigward tar-riformi, b'mod partikolari dawk relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, u għal kwistjonijiet oħra ta' integrità enfasizzati fir-rapport. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni l-importanza ta' impenn politiku u istituzzjonali inekwivoku, sostnut u fuq bażi wiesgħa biex jiġu sodisfatti l-oġettivi stabbiliti mill-Mekkaniżmu. Sabiex jiġi żgurat progress sostenibbli, il-kunsens politiku biex tiġi rispettata l-indipendenza tal-ġudikatura tibqa' essenzjali. Filwaqt li jieħu kont tal-avvenimenti reċenti, kif ukoll il-progress importanti li nkiseb matul is-snin, il-Kunsill jitlob lir-Rumanija biex tiffoka l-isforzi tagħha biex tkompli tikkonsolida dan il-progress li sar, biex tevita li tieħu kwalunkwe pass lura, u biex tindirizza t-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet kollha stabbiliti mill-Kummissjoni fir-rapport tagħha.

10. Sabiex tiġi żgurata ulterjorment l-indipendenza ġudizzjarja, jenħtieġ li r-Rumanija, wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni ta' Venezja, ddaħħal fis-seħħ sistema robusta, indipendenti u bbażata fuq il-mertu biex jinħatru l-oġġla prosekuturi, li tipprovdi garanziji suffiċjenti kontra l-politiċizzazzjoni. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza ta' implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi ta' Kondotti għall-membri parlamentari u ministri li għadu kif ġie adottat. Jenħtieġ li r-riformi ġudizzjarji jiġu ffinalizzati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kodiċijiet Ċivili u Kriminali, b'kont debitu meħud tal-hteġa għall-prevedibbiltà, it-trasparenza sħiħa u konsultazzjonijiet inklużivi stabbiliti fir-rapport tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Qrati, inkluż dawk li jikkonfermaw sentenzi marbuta mal-integrità, jiġu applikati u implimentati mill-istituzzjonijiet u l-istanzi kollha mingħajr dewmien. Il-qafas legali għall-integrità jeħtieġ li jissaħħaħ u jiġi kkonsolidat biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà.

Ir-Rumanija għandha tkompli u tintensifika l-isforzi tagħha biex tipprevjeni u tindirizza l-korruzzjoni. L-indirizzar tagħha b'mod effettiv u dissważiv fil-livelli kollha u fl-istituzzjonijiet kollha, jeħtieġ li jibqa' prijorità ewlenija. Jenħtieġ li r-rekords impressjonanti tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA) u l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (QGħKĠ) jiġu salvagwardjati. L-adozzjoni ta' kriterji oġġettivi biex tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija tal-immunità tal-Membri tal-Parlament jew tal-Ministri, u li jagħtu raġunijiet għaliha, tibqa' prijorità importanti. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jsir aktar fir-rigward tal-prevenzjoni globali tal-korruzzjoni, li għandha tkun prijorità għolja u obbligu ċentrali tal-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida Kontra l-Korruzzjoni (NAS), ir-responsabilità issa taqa' fuq l-awtoritajiet Rumani fil-livelli kollha biex juru appoġġ politiku b'saħħtu u viżibbli għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Għandhom jittieħdu miżuri ulterjuri neċessarji biex jingħata appoġġ sħiħ lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Korruzzjoni.

11. Il-Kunsill itenni li l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika għadu strumentali għall-progress. Huwa jibqa' għodda xierqa li tassisti lill-Bulgarija u r-Rumanija fl-isforzi rispettivi tagħhom għar-riforma, sabiex it-tnejn li huma jiksbu rekord ta' riżultati konkreti u dejjiema li huma meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-oġettivi tal-Mekkaniżmu. Il-Kunsill ifakkar li jinsab lest li jkompli jappoġġa l-isforzi tal-Bulgarija u r-Rumanija f'dan ir-rigward permezz ta' assistenza tal-UE u dik bilaterali. Sakemm jinkisbu r-riżultati mistennija minn kull wieħed miż-żewġ Stati Membri f'dan il-qafas, u l-appoġġ tal-Kunsill għalih, il-Mekkaniżmu jibqa' fis-seħħ. Sa dak iż-żmien, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bir-rapportar tagħha u jistenna b'interess ir-rapporti li jmiss tagħha dwar il-Bulgarija u r-Rumanija li huma previsti lejn tmiem l-2018. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni fil-Bulgarija u r-Rumanija mill-qrib u li żżomm lill-Kunsill regolament informat.
-